# Festi żgħar Ġużeppini madwar il-Gżejjer tagħna
## (L-Ewwel Parti)
*Kitba ta' Daniel Vella*

### Nota Editorjali
Diffiċli biex tidħol f'xi parroċċa jew imqar knisja u ma ssibx xi xbieha ta' San Ġużepp, il-Patrun tal-Knisja Universali. F'Malta huwa aktar improbabbli li jseħħ dan, għax il-Knejjes kollha tista' tgħid li jinsabu mżejna b'xi statwa jew pittura li tirrappreżenta lill-Patrijarka. Meta mbagħad qed nitkellmu dwar żewġ parroċċi li huma proprju ddedikati lil San Ġużepp, ikun impossibbli li ma niltaqgħux miegħu. Il-Parroċċi Ġużeppini ta' Birkirkara u tal-Manikata, minkejja li huma relattivament ġodda, xorta għandhom il-missjoni li jkabbru d-devozzjoni lejn San Ġużepp u d-dmir li jorganizzawlu festa xierqa ta' kull sena. U Daniel Vella, wara li temm is-sensiela dwar recordings ta' marċi brijużi mill-Banda San Ġużepp matul is-snin, qed jibda sensiela ġdida dwar festi ħelwin li għadhom jiġu organizzati f'ġieħ San Ġużepp.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp hija mxerrda sew fil-gżejjer Maltin. Dan narawh fid-diversi knejjes li hawn iddedikati lil dan il-patrun, u d-diversi festi li jiġu ċċelebrati ad unur tiegħu. Kważi f'kull knisja f'Malta nsibu xi statwa, artal jew fratellanza li huma ddedikati lil San Ġużepp. Fil-festi tagħna jeżistu festi kbar dedikati lil San Ġużepp, fosthom dawk tal-Imsida, il-Qala Għawdex, ir-Rabat, il-Kalkara, f'Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq u Ħaż-Żebbuġ. Dawn kollha huma festi li fihom insibu involviment kbir ta' Każin, Sezzjonijiet tal-Armar u Kumitati tan-Nar.

Iżda mbagħad insibu festi żgħar oħra wkoll ddedikati lil San Ġużepp, li ma sibux dak l-involviment hekk kbir iżda xorta waħda huma knejjes li jħejju festi ħelwin u f'ħafna minnhom hemm ukoll kordinazzjoni u organizzazzjoni tajba ħafna.

F'dan l-artiklu tiegħu ta' din is-sena se nagħti ftit tagħrif dwar dawn il-knejjes u ż-żewġ festi żgħar iżda huma parti mill-kalendarji tal-festi Maltin, qed nirreferi għall-festa ta' San Ġużepp dik tal-Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem Birkirkara u dik tal-Manikata.

### Birkirkara – San Ġużepp Ħaddiem
Il-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem bdiet tinbena fis-sena 1965, u sentejn wara li x-xogħol tal-bini ntemm fl-1969, il-knisja saret viċi-parroċċa biex fis-sena 1973 saret parroċċa.

Fis-27 ta' Ġunju 1971 saret għall-ewwel darba l-festa titulari ta' San Ġużepp Ħaddiem. Fit-tieni festa li saret, jiġifieri fl-1972, ġew inawgurati l-istatwa ta' San Ġużepp Ħaddiem li toħroġ fil-purċissjoni tal-festa, kif ukoll l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Dawn iż-żewġ statwi nħadmu f'Ortisei, raħal ħdejn Bolzano, mill-iskultur Vincenzo Moroder fuq disinn tal-Kavallier Emvin Cremona.

Fil-passat din il-festa kienet tiġi fl-ewwel Ħadd ta' Lulju, u għalkemm f'din il-Parroċċa ma nsibux twaqqif ta' Banda kienu jiġu mistiedna diversi Baned kemm dawk Karkariżi u minn postijiet oħra. Il-kumitat tal-festa ħadem biex it-toroq tal-Parroċċa jintramaw il-pavaljuni, liedna u l-faċċata tal-knisja bid-dawl. Fost dawk il-baned li kienu mistiedna matul is-snin hemm tliet baned tar-raħal, Sant'Elena,



**L-Istatwa Titulari ta' San Ġużepp Ħaddiem, Patrun tal-Parroċċa tiegħu f'Birkirkara. Ħajr lil Richard Faenza.**

Duke of Connaught's, Sant'Antnin, kif ukoll baned minn postijiet oħra fosthom dik ta' Ħal Lija San Piju X, Beland taż-Żejtun, San Ġużepp tal-Ħamrun, Mount Carmel tal-Gżira u l-Banda San Ġwann.

Illum il-ġurnata din il-Festa tiġi ċċelebrata fil-jum tagħha l-ewwel ta' Mejju – Jum San Ġużepp Ħaddiem. F'jum il-festa ssir il-Quddiesa Solenni, kif ukoll il-Purċissjoni ma' toroq tal-Parroċċa, jintrama kważi l-armar kollu b'mod partikolari t-toroq tal-purċissjoni.

Tiġi mistiedna l-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ li takkumpanja l-Purċissjoni. Fil-ġranet tal-festa jindaqqu l-Innijiet ta' San Ġużepp Ħaddiem fosthom iż-żewġ Innijiet li kiteb mużikalment il-mibki qatt minsi Mor Anthony Sammut. Il-festa tkun ukoll kumplimentata minn attivitajiet Soċjali fosthom Sports Day, ikla tal-festa, lejla Maltija u daqq mill-1st Birkirkara Scouts Group ma' toroq tal-Parroċċa lejliet il-festa.

## Il-Manikata – San Ġużepp

Il-Manikata hu lok ċkejken ħafna u hu fih insibu għadd ta' rziezet. Illum il-Manikata qed jieħu xejra moderna.

Billi l-Manikata kienet imbiegħda minn kull parroċċa u billi l-knisja waħdanija li kien hemm fit-telgħa kienet nieqsa minn kollox, in-nies tal-lokal ħadmu mhux biss li tinbena knisja akbar imma wkoll jgħollu din il-knisja l-ġdida għad-dinjità ta' Parroċċa.

Fl-1918 bil-ġbir bnew kappella żgħira u ddedikawha lil San Ġużepp Għarus ta' Marija. Għall-ewwel l-Isqof Dom Mawru Caruana fdaha f'idejn il-patrijiet Franġiskani iżda għal xi raġuni din il-knisja ma baqgħetx f'idejn il-patrijiet Franġiskani u minflokhom il-knisja beda jieħu ħsiebha ċertu Dun Manuel Grima. Dun Manuel kien ħabrieki ħafna għalhekk beda jiġbor il-flus biex issir knisja ġdida u kbira, qabbad lill-Perit Edwin England Sant Fournier biex iħażżiżlu pjanta imma dan ħallieha f'idejn ibnu Richard.

Kienet id-data tas-16 t'Awwissu 1964, meta Mons. Arċisqof Gonzi bierek u qiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. L-istil ta' din il-knisja huwa modern ħafna u differenti minn knejjes oħrajn.

Fid-29 ta' Novembru tal-1974, l-Arċisqof Gonzi fetaħ din il-knisja u fis-16 ta' Frar 1975 saret parroċċa ġdida.

Il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata ssir fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu u interessanti li din tkun l-aħħar festa Ġużeppina tas-sena minn fost il-festi kollha tal-Qaddis Patrun Universali San Ġużepp. Fil-ġurnata tal-festa fil-Manikata barra l-quddiesa tal-festa, filgħaxija toħroġ il-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp. Din il-vara, bi stil differenti ħafna minn dik tradizzjonali, ġiet ordnata għand id-ditta Stuflesser, f'Bolzano l-Italja, magħmula mill-injam. Tbierket fiz-19 ta' Ġunju 1977.



L-Istatwa Titulari ta' San Ġużepp tal-Manikata, maħduma wkoll f'Bolzano. Ħajr lil Richard Faenza.

F'din il-festa tieħu sehem il-Banda mistiedna dik tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-Mellieħa li ddoqq marċi brijużi filwaqt li takkumpanja l-Purċissjoni. Il-festa tkun imżewqa bil-logħob tradizzjonali tan-nar tal-ajru u dak tal-art, dan tal-aħħar isir lejlet il-festa ma' tmiem ta' attività Soċjali li ssir quddiem il-knisja f'atmosfera ta' familja parrokkjali waħda.

Dawn iż-żewġ festi Ġużeppini li ktibt dwarhom f'dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena huma parti minn tradizzjoni popolari mal-Maltin u bħal kull festa tar-raħal u belt ta' Malta iżda fuq skala iżgħar. Huma żewġ festi Ġużeppini li jsiru mill-qalb ta' Dilettanti u Devoti tal-Qaddis San Ġużepp, dan għaliex huma marbuta mat-twemmin qawwi reliġjuż li hu parti importanti tal-ħajja Maltija.

Il-Festa t-Tajba ħbieb!

**San Ġużepp ta' Qalb Safja, itlob għalina!**